DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/957

tas-17 ta' Ġunju 2015

dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi ta' Stati terzi għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/2/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") biex jieħu deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) minn Stati terzi.

(2) Il-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili rrakkomanda li l-KPS jaċċetta l-kontributi proposti mill-Kanada u r-Renju tan-Norveġja għall-EUAM Ukraine u li jqis il-kontributi bħala sinifikanti.

(3) Il-Kanada u r-Renju tan-Norveġja għandhom ikunu eżentati minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUAM Ukraine,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontributi ta' Stati Terzi

1. Il-kontributi mill-Kanada u r-Renju tan-Norveġja għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) huma aċċettati u huma meqjusa bħala sinifikanti.

2. Il-Kanada u r-Renju tan-Norveġja huma eżentati minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUAM Ukraine.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS

[1] ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42